Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,190, 17 ta' Mejju, 2019
Taqsima B

A.L. 99 tal-2019

ATT DWAR IL-PROVVISTI U S-SERVIZZI (KAP. 117)

Regolamenti tal-2019 dwar Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija permezz tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi, il-Ministru responsabbli għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar flimkien mal-Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima u mas-Segretarju Parlamentari responsabbli għall-Agrikoltura, s-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, għamlu r-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2019 dwar Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jirregolaw it-twaqqif tas-sistema għas-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli u r-rikonoxximent u r-reġistrazzjoni ta' fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli u kwistjonijiet anċillari skont r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008.

Interpretazzjoni.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jkunx jeħtieġ mod ieħor –

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi; Kap. 117.

"awtorità kompetenti" tfisser l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-agrikoltura u l-affarijiet rurali;

"benefiċjarju" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali, privata jew pubblika, li qiegħda tirċievi, jew hija intitolata li tirċievi, servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli;

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' Reġistrazzjoni tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli stabbilit mir-regolament 4;

"ċertifikat" ifisser iċ-ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ skont ir-regolament 17;

"fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legal, pubbliku jew privat, li qiegħda tipprovdi servizz konsultattiv għall-azjendi agrikoli taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"konsulent espert" tfisser l-individwu kwalifikat li għandu jipprovdi s-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli taħt dawn ir-regolamenti;

"kwistjoni ewlenija" tfisser il-kwistjonijiet elenkati fit-tieni kolonna tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013;

"persuna" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali, inklużi kumpaniji, assoċjazzjonijiet, koperattivi, *trade union*s, soċjetajiet, jew kwalunkwe forma legali rikonoxxuta oħra, pubblika jew privata;

"il-President" tfisser il-persuna maħtura skont ir-regolament 4 u li għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-Bord qed jiffunzjona skont il-liġi;

"rapport tal-istatus" tfisser ir-rapport annwali li għandu jiġi mfassal u sottomess mill-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u skont kwalunkwe mudelli pprovduti mill-Bord;

"ir-Reġistratur" tfisser il-persuna maħtura skont ir-regolament 5 u li għandha r-responsabbiltà li żżomm u tmantni r-reġistru skont ir-regolament 6;

"ir-Regolament" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008;

"sistema ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli" tfisser il-qafas regolatorju li jirregola s-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli.

L-awtorità kompetenti.

3. Għandu jkun hemm awtorità kompetenti u din l-awtorità kompetenti għandha tkun l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-agrikoltura u l-affarijiet rurali.

Il-Bord.

4. (1) Għandu jkun hemm bord li għandu jkun magħruf bħala l-Bord ta' Reġistrazzjoni għas-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli. Il-membri tal-Bord għandhom jkunu maħtura mis-Segretarju

Permanenti tal-Ministeru responsabbli għall-agrikoltura u l-affarijiet rurali. Il-Bord għandu jkun kompost minn ħames (5) membri li huma rappreżentanti mill-Ministeru responsabbli għall-agrikoltura u l-affarijiet rurali, u wieħed minnhom għandu jkun maħtur bħala President.

(2) Is-segretarju għall-Bord għandu jkun rappreżentant mill-awtorità kompetenti li għandu jservi wkoll bħala Reġistratur u li għandu jkun responsabbli għar-reġistru tal-forniturі rikonoxxuti ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli.

(3) Il-Bord għandu jivverifika l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni u għandu jieħu deċiżjoni skont dawn ir-regolamenti.

(4) Il-Bord għandu jagħti struzzjonijiet lir-Reġistratur sabiex joħroġ ċertifikati ta' rikonoxximent lil dawk l-applikanti kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-rikonoxximenti skont ir-regolament 17.

(5) Il-Bord għandu jagħti struzzjonijiet lir-Reġistratur sabiex jinforma lil applikanti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għar-rikonoxximent li l-applikazzjoni tagħhom ġiet miċħuda u dan permezz ta' notifika.

(6) Meta l-Bord jiddeċiedi li applikant m'għandux jingħata ċertifikat ta' rikonoxximent, il-Bord għandu, flimkien man-notifika, jipprovdi raġuni ġustifikata għad-deċiżjoni tiegħu.

(7) Il-Bord għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu jekk jaċċettax jew jirrifjuta applikazzjoni lir-Reġistratur, fi żmien erba' (4) xhur mid-data ta' rċevuta tal-formola tal-applikazzjoni mimlija:

Iżda f'każ li l-Bord jitlob informazzjoni, dokumentazzjoni jew kjarifika addizzjonali, l-erba' (4) xhur imsemmija fl-ewwel paragrafu ta' dan ir-regolament għandhom jibdew fil-ġurnata meta l-aħħar informazzjoni, dokumentazzjoni jew kjarifika tiġi sottomessa mill-applikant.

(8) Il-Bord għandu jirregola l-proċedura tiegħu innifsu.

Ir-Reġistratur.

5. Ir-Reġistratur għandu jkun responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, biex iżomm u jmantni r-reġistru u għandu jinnota fir-reġistru, r-reġistrazzjonijiet, is-sospensjonijiet, kanċellazzjonijiet, it-tneħħijiet u d-dħul mill-ġdid fir-reġistru.

Ir-reġistru.

6. (1) Ir-Reġistratur għandu jżomm ir-reġistru bl-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem sħiħ tal-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli;

(b) numru ta' referenza uniku u konsekuttiv;

(ċ) id-data tar-reġistrazzjoni;

(d) isem u kunjom ir-rappreżentant tal-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli;

(e) l-informazzjoni ta' kuntatt tar-rappreżentant tal-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli; u

(f) kull informazzjoni oħra li tista' tkun meħtieġa mill-Bord.

(2) Il-lista tal-entitajiet reġistrati għandha tkun pubblika u għandha tiġi aġġornata b'mod regolari bit-tibdil fl-informazzjoni. Ir-Reġistratur għandu jagħmel ir-reġistru pubbliku permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta u permezz ta' midja oħra, skont l-istruzzjonijiet tal-Bord. Ir-Reġistratur għandu jagħti aċċess għall-informazzjoni relatata mar-reġistru skont il-liġi.

Fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli.

7. Persuni naturali jew legali li jkunu debitament eliġibbli u rikonoxxuti skond il-kriterji elenkati fir-regolament 8 għandhom ikunu reġistrati bħala fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli u jkollhom dritt li jipprovdu servizzi konsultattivi sakemm jibqgħu rikonoxxuti, skond dawn ir-regolamenti.

Kriterji għar-rikonoxximent ta' fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli.

8. (1) Fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli m'għandux jingħata r-rikonoxximent skont dawn ir-regolamenti sakemm il-Bord ikun sodisfatt li l-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jissodisfa l-kriterji għar-rikonoxximent stabbiliti kif ġej:

(a) evidenza ta' konformità ma' kull liġi applikabbli;

(b) evidenza ta' kompetenza teknika u professjonali biex jipprovdu servizz konsultattiv f'wieħed mill-oqsma jew sotto oqsma stabbilit fi Skeda I li tkun għas-sodisfazzjoni tal-Bord;

(ċ) evidenza ta' riżorsi umani, kapacita amministrattiva u organizzattiva sodisfaċenti għal Bord;

(d) ippreżentar tal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tas-servizz konsultattivi għall-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(e) evidenza ta' impenn skont ir-regolament 14(2)(j); u

(f) fejn tkun meħtieġa awtorizzazzjoni jew liċenzja għall-

għoti ta' servizzi tekniċi, għandha tingħata wkoll evidenza ta' tali awtorizzazzjoni jew liċenzja teknika mill-awtorità kompetenti għal provvediment tas-servizzi tekniċi tkun ukoll meħtieġa.

(2) Fornitur tas-servizzi konsultattivi ma jistgħux jipprovdu servizzi konsultattivi sakemm mhux rikonoxxut mil-Bord skond dawn ir-regolamenti.

(3) L-applikanti li ma jaqblux mad-deċiżjoni tal-proċess ta' reġistrazzjoni għandhom fi żmien ħmistax (15) il-ġurnata minn mindu tinħareġ id-deċiżjoni jkollhom id-dritt li jappellaw minn tali deċiżjoni quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif stabbilit fl-artikolu 5(1) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Kap. 490.

Servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli.

9. (1) Fornituri rikonoxxuti ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom jipprovdu lil bdiewa jew operaturi fis-settur agrikolu servizz konsultattiv, fl-oqsma stipulati F'Iskeda I. Dan għandu jinkludu pariri lil benefiċjarji tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) dwar il-ġestjoni tal-art u tal-azjendi agrikoli fis-settur rurali għall-iskop ta' titjib tal-prestazzjoni ġenerali tal-azjendi agrikoli tagħhom u b'mod partikolari dwar l-oqsma msemmija fl-Iskeda I.

(2) Servizzi konsultattivi fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 12(3) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 jistgħu jingħataw ukoll.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tikkomunika lill-fornitur rikonoxxut ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli, l-kategoriji ta' benefiċjarji li għandhom jingħataw aċċess prijoritarju għall-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli skont ir-regolamenti applikabbli.

Taħriġ tal-konsulenti.

10. (1) Il-fornituri rikonoxxuti ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom jiżguraw li l-konsulenti tagħhom huma mħarrġa b'mod regolari. Tali taħriġ għandu jinkludi:

(a) l-obbligi stipulati fil-liġi fl-oqsma relevanti konsultattivi jew sotto-oqsma li fihom l-esperti jkunu rikonoxxuti u kull emenda tagħhom;

(b) l-informazzjoni li trid tingħabar u tingħata skont l-istandards li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti;

(ċ) il-mod kif isiru l-ispezzjonijiet fuq il-post skont l-istandards li għandhom jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti;

(d) taħriġ annwali dwar l-aħjar prattiċi fil-qasam jew sotto-qasam konsultattiv rilevanti li fih huma rikonoxxuti tali konsulenti.

(2) Il-Bord jista' jeħtieġ evidenza li tali taħriġ qed jiġi pprovdut b'mod effettiv.

Servizzi konsultattivi dwar il-kundizzjonalità.

11. Applikazzjonijiet għall-għoti ta' servizzi konsultattivi relatati mar-regoli dwar il-kundizzjonalità, m'għandhomx jiġu aċċettati sakemm l-istandards u r-rekwiżiti kollha taħt il-kwestjoni jew il-kwestjonijiet ewlenin li għalihom għandu jingħata s-servizz huma pprovduti bis-sħiħ. Id-deċiżjoni għandha tkun bażata fuq regoli dwar il-kundizzjonalità skont l-Artikolu 93 tar-Regolament u kwalunkwe emendi sussegwenti:

Iżda, l-Bord irid ikun sodisfatt li l-benefiċjarji għandhom jirċievu konsulenza li hija komprensiva biżżejjed u li tkopri l-kwistjonijiet speċifiċi ewlenin.

Konsulent espert.

12. Konsulent espert ma jistax jipprovdi servizzi konsultattivi taħt aktar minn fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjenda agrikoli wieħed fl-istess żmien.

Konsulenti espert terzi.

13. Fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, juża s-servizzi u l-għarfien espert ta' konsulenti terzi. Fi kwalunkwe każ fejn il-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jagħmel użu minn konsulenti esperti terzi, il-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandu, għall-iskop ta' dan l-ingaġġ, jidħol f'kuntratt miktub ta' servizz ma' tali konsulenti esperti u għandu jibgħat kopja ta' dan il-kuntratt lill-Bord, flimkien mal-formola tal-applikazzjoni, għall-approvazzjoni tiegħu, skont dawn ir-regolamenti:

Iżda konsulenti esperti ingaġġati taħt kuntratt ta' servizz għandhom, għall-perjodu tar-rikonoxximent u fir-rigward tal-benefiċjarji u tal-Bord, ikollhom l-istess *status*, drittijiet u dmirijiet daqs konsulenti esperti ingaġġati mal-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli taħt kuntratt ta' impjieg.

Applikazzjoni għar-rikonoxximent

14. (1) Fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom ikunu eliġibbli għall-konsiderazzjoni għar-rikonoxximent mill-Bord wara dikjarazzjoni ta interess li ssir permezz ta applikazzjoni skont il-format stabbilit mill-awtorità kompetenti.

(2) L-applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' servizzi

konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom jinkludu d-dettalji kollha meħtieġa mill-Bord. L-awtorità kompetenti għandha tfassal u tippubblika linji gwida li jistipulaw b'mod dettaljat il-forma u l-kontentut ta' tali applikazzjonijiet, inklużi dokumenti u evidenza oħra meħtieġa biex turi kompetenza u eliġibbiltà kif stabbilit hawn taħt. Dawn id-dettalji għandhom jinkludu:

(a) id-dettalji tal-applikant;

(b) id-dettalji tal-konsulent jew konsulenti esperti;

(ċ) ċertifikat tal-kondotta tal-pulizija nadifa għall-individwi kollha msemmija fil-paragrafi (a) u (b) maħruġa fis-sitt (6) xhur preċedenti, jew meta tiġi mitluba matul it-terminu tar-rikonoxximent;

(d) il-qasam jew l-oqsma u s-sotto-oqsma konsultattivi li għalihom l-applikant qed jitlob rikonoxximent;

(e) tabella dettaljata tal-organizzazzjoni;

(f) *curriculum vitae* dettaljati tal-konsulenti li qed jaġixxu għall-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli flimkien ma' kwalunkwe provi addizzjonali ta' kompetenza fit-twettiq ta' servizzi konsultattivi fil-qasam jew sotto-qasam konsultattiv rilevanti;

(g) evidenza ta' rikonoxximent speċjali għall-oqsma elenkati fl-Iskeda I;

(h) pjan ta' taħriġ;

(i) kopja tal-kuntratt ta' servizz għall-konsulenti esperti terzi, jekk applikabbli;

(j) dikjarazzjoni ta' impenn;

(k) dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' kunflitti ta' interess;

(l) prova tal-pagamenti għat-tariffa amministrattiva kif stipulat fit-Iskeda II;

(m) kull informazzjoni oħra li tista tintalab mill-Bord.

(3) Fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli m'għandux ikun reġistrat aktar minn darba matul l-istess perjodu:

Iżda f'każijiet fejn ir-rikonoxximent ta' fornitur ta' servizzi

konsultattivi għall-azjendi agrikoli ġie kanċellat jew tneħħa mil-lista, l-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jista' japplika mill-ġdid għar-rikonoxximent taħt dawn ir-regolamenti. Tali applikazzjoni mill-ġdid għar-rikonoxximent, ma tistax issir qabel ma jgħaddu sitt (6) xhur mid-data tal-kanċellazzjoni jew tneħħija mil-lista skont il-każ.

(4) L-entità għandha, malli tirċievi komunikazzjoni mir-Reġistratur li l-entità tista tigi rikonoxxuta, tħallas tariffa amministrattiva kif stabbilit fl-Iskeda II. Din it-tariffa amministrattiva m'hix rimborżabbli.

Kunflitt ta' interess

15. (1) Il-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandu jiżgura li l-persuni li jidhru taħtu kemm dawk taħt kuntratt ta' impjieg kif ukoll dawk taħt kuntratt ta' servizz għandhom ikunu liberi minn kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jirriżulta mill-ingaġġ tagħhom.

(2) Fejn għall-Bord ikun jidher li, minkejja d-dikjarazzjoni li tkun saret skont ir-regolament 14(2)(k), il-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jew kull persuna li qed tidher għan-nom tiegħu, tkun tidher li għandha kunflitt ta' interess, il-Bord għandu jitlob kjarifika mill-fornitur irreġistrat ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli qabel ma tittieħed deċiżjoni.

Kjarifika.

16. Il-Bord jista' jitlob kjarifiki minn kull persuna dwar kull kwistjoni msemmija f'dawn ir-regolamenti f'kull ħin bejn is-sottomissjoni tal-formola tal-applikazzjoni sal-iskadenza tar-rikonoxximent.

Iċ-ċertifikat ta' rikonoxximent.

17. (1) Iċ-ċertifikat ta' rikonoxximent għandu jkollu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-entità jew mod ieħor ta' identifikazzjoni;

(b) id-data tar-rikonoxximent;

(ċ) il-qasam u, jew is-sotto-qasam konsultattiv;

(d) in-numru ta' reġistrazzjoni li ġie allokat.

(2) Ċertifikati maħruġa minn fornituri rikonoxxuti ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom jkunu validi għal sitta u tletin (36) xhar mid-data tar-rikonoxximent.

(3) Ċertifikati ta' rikonoxximent għandhom jiġu mġedda biss wara talba bil-miktub mill-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli. Talba għat-tiġdid għandha tinkludi kwalunkwe

dokumentazzjoni msemmija fir-regolament 14 fir-rigward ta' tibdiliet materjali.

Notifika mir-reġistratur.

18. (1) Ir-Reġistratur għandu meta jiġi mitlub bil-miktub mill-Bord, jinnotifika lill-applikant b'kull rikjesta għal kjarifika, deċiżjoni jew struzzjoni inkluż deċiżjoni biex jagħmel sospensjoni jew irtirar tar-rikonoxximent u kjarifika u kull miżura oħra meqjusa bħala meħtieġa mill-Bord. Notifiki taħt dan ir-regolament għandhom, fejn ikun xieraq, jkunu akkumpanjati b'ġustifikazzjoni raġunata.

(2) F'kull każ fejn il-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jkun bi ħsiebu iżid qasam konsultattiv ieħor ma' dawk diġà rikonoxxuti, jew bi ħsiebu jibdel għal qasam jew sotto-qasam konsultattiv ieħor differenti minn dak li huwa rikonoxxut għalih, trid tiġi sottomessa applikazzjoni ġdida għar-rikonoxximent, skont dawn ir-regolamenti.

Implimentazzjoni tas-servizz konsultattiv għall-azjendi agrikoli.

19. Fornituri rikonoxxuti ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom:

(a) jaderixxu ma' kwalunkwe standards jew linji gwida pubblikati mill-awtorità kompetenti matul it-terminu tar-rikonoxximent tagħhom; u

(b) ikunu responsabbli għall-korrettezza, il-validità u l-affidabilità tal-informazzjoni u s-servizzi provduti lill-benefiċjarji mill-persunal tagħhom bħala parti mill-ingaġġ tagħhom u għandu jipprovdu dikjarazzjoni firmata rigward dan lill-Bord meta tiġi sottomessa d-dokumentazzjoni rilevanti għar-reġistrazzjoni, skont ir-regolament 14.

Responsabbilità lejn il-benefiċjarji.

20. Meta l-fornitur rikonoxxut ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jingaġġa taħt kuntratt ta' servizz, esperti terzi li ma jagħmlux parti mill-organizzazzjoni tal-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli, il-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jibqa' unikament responsabbli lejn il-benefiċjarji għall-obbligi kollha tiegħu taħt it-termini tal-ingaġġ.

Tibdil fl-istatus.

21. Tibdiliet fl-istatus li jaffettwaw il-kriterji li taħthom ingħata r-rikonoxximent, għandhom jiġu rappurtati mill-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli lill-Bord fi żmien għaxart ijiem (10) ta' ħidma mill-ġurnata meta tali informazzjoni ġiet mitluba jew mill-ġurnata meta tali tibdiliet kellhom ikunu magħrufa mill-fornitur, skont liema data tiġi l-ewwel. Il-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandu jissospendi l-operaturi tiegħu sakemm il-Bord japprova bil-miktub it-tibdiliet mitluba.

Protezzjoni tad-*data*.

22. Fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli

għandhom jittrattaw l-informazzjoni miġbura matul l-attività konsultattiva bħala kunfidenzjali u kull informazzjoni personali li tali fornituri jistgħu jottjenu għandha tkun proċessata skont il-Liġijiet ta' Malta. Dan l-obbligu jibqa' fis-seħħ b'mod indefinit u japplika wkoll fil-każ li l-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jitlef ir-rikonoxximent, jew jitneħħa mir-reġistru. Dan l-obbligu għandu jiġi estiż ukoll lejn esperti ingaġġati taħt kuntratt ta' servizz.

Rapport annwali.

23. Il-Bord għandu jfassal rapport annwali dwar il-kwalità u l-effettività tal-konsulenza mogħtija mill-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli fir-rigward tal-ksur imsemmija fil-verifiki mwettqa fuq il-post.

Kontroll, rapporti u monitoraġġ.

24. (1) Fornituri reġistrati ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli u konsulenti esperti ngaġġati minn fornitur irreġistrat ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli taħt kuntratt ta' servizz għandhom jiżguraw aċċess raġonevoli għal membri jew persuni awtorizzati mill-Bord għall-iskop tat-twettiq ta' spezzjonijiet biex tkun żgurata konformità ma' dawn ir-regolamenti u biex tkun verifikata l-preċiżjoni ta' kull informazzjoni mogħtija jew kull dikjarazzjoni magħmula minn fornitur reġistrat ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli.

(2) Il-fornitur reġistrat ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandu jikkopera ma' kull talba legali mill-Bord jew minn kull entità appuntata permezz tal-liġi għall-provvista ta' data jew kull informazzjoni oħra dwar l-implimentazzjoni tas-servizzi konsultattiv għall-azjendi agrikoli.

(3) Il-fornitur reġistrat ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandu, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena, jipprovdi lill-Bord rapport annwali tal-istatus dwar is-servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli mwettqa, inklużi attivitajiet mwettqa minn esperti esternalizzati, fit-tnax-il xahar (12) ta' qabel. Dan ir-rapport għandu jkun iffirmat minn rappreżentant legali tal-fornitur irreġistrat ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli.

Kanċellazzjonijiet u penalitajiet.

25. (1) Il-Bord għandu d-dritt li jikkanċella kwalunkwe ċertifikat ta' rikonoxximent maħruġ lil fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli bħala entità, jew bħala individwu fi ħdan entità, meta d-detentur ta' dak iċ-ċertifikat jew kwalunkwe konsulent jew spettur ingaġġat minn fornitur reġistrat ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli taħt kuntratt ta' servizz mhuwiex konformi ma' dawn ir-regolamenti u m'għadux jissodisfa l-kriterji għar-rikonoxximent:

Iżda f'kull każ fejn il-Bord jikkunsidra li l-ksur huwa żgħir jew m'għandux konsegwenzi sinifikanti, jista', b'diskrezzjoni tiegħu, jagħti lill-fornitur reġistrat ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi

agrikoli perjodu ta' żmien sabiex jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu qabel ma tiġi kanċellata r-reġistrazzjoni.

(2) Il-Bord għandu jikkanċella kwalunkwe ċertifikat maħruġ taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta d-detentur ta' dak iċ-ċertifikat:

(a) jinstab ħati f'proċeduri ta' qorti tal-ġustiżżja ta' offiża kriminali taħt Parti II ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; jew

(b) ġie meqjus mill-Bord li ma provdiex b'mod regolari servizzi skont il-kwalità u l-istandards meħtieġa mill-awtroita' kompetenti;

(c) ġie meqjus mill-Bord li konxjament issottometta informazzjoni qarrieqa jew falza;

(d) ma provdiex id-dokumentazzjoni jew l-evidenza meħtieġa hekk kif mitluba mill-Bord fi żmien (1) xahar mit-talba jew f'kull perjodu stabbilit mill-Bord;

(e) ma provdiex is-servizzi lill-bdiewa u ma provdiex evidenza sodisfaċenti kontra dan fi żmien (1) xahar mid-data li din kienet mitluba bil-miktub, biex jipprovdi tali evidenza għas-sodisfazzjoni tal-Bord.

Iżda fejn il-Bord jiddetermina li (a) jew (ċ) ġew imwettqa minn konsulent espert ingaġġat minn tali fornitur ta' Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli, f'mod li jinvolvi wkoll il-kondotta intenzjonali jew negliġenti da parti tal-fornitur tas-Servizz, il-Bord jista', fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, jikkanċella wkoll iċ-ċertifikat mogħti lill-fornitur tas-Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli. Dan, mingħajr preġudizzju għal rimedji legali oħra li l-Bord jista' jsegwi skont il-liġi.

(3) Biex jiġi applikat ir-regolament 25, il-Bord għandu jkollu l-kompetenza li jiddetermina l-gravità ta' kull reat, ksur tal-liġi jew nuqqas, kif ukoll li jiddetermina l-istandard ta' diliġenza u l-kwalità tax-xogħol meħtieġ mill-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli.

(4) Il-Bord jista' jikkanċella kwalunkwe ċertifikat maħruġ taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti f'kull każ fejn, fl-opinjoni tal-Bord, il-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli mhuwiex qed jipprovdi servizz ta' kwalità.

(5) Il-Bord jista' jiddeċiedi biss li jikkanċella reġistrazzjoni wara jkun notifika lill-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli dwar kull sejba ta' fatti li jwassal għar-reat, ksur tal-liġi u wara li jkun ta opportunità xierqa lill-fornitur ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu, skont il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

(6) Kull persuna ġuridika jew naturali, pubblika jew privata li, għall-iskop li tikseb ċ-ċertifikat ta' rikonoxximent, tagħti informazzjoni żbaljata jew taġixxi b'mod qarrieqi jew frawdolenti, għandha tkun ħatja ta' reat u għandha, wara li tinstab ħatja, tħallas multa li ma teċċedix l-elfejn u tliet mija u tletin euro (€2,330). Dan mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rimedju ieħor skont il-liġi.

Tħassir. L.S. 117.30.

26. Ir-Regolamenti dwar Servizzi Konsultattivi għall-Irziezet huma b'dan imħassra.

Skeda I

Kategorija ta' Oqsma Konsultattivi

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Is-sistema ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli tkopri:

(a) l-obbligi fil-livell tal-azjendi agrikoli li jirriżultaw mill-istandards u r-rekwiżiti tal-kundizzjonalità;

(b ir-rekwiżiti li għandhom jiġu rispettati fir-rigward tal-prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent u ż-żamma tal-art agrikolu taħt ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009;

(ċ) il-miżuri fil-livell tal-azjendi agrikoli stipulati fil-programmi tal-iżvilupp rurali li jimmiraw lejn il-modernizzar tal-irziezet, l-iżvilupp tal-kompetittività, l-integrazzjoni settorali, l-innovazzjoni, l-orjentazzjoni tas-suq u l-promozzjoni tal-intraprenditorija;

(d) is-sistema għandha tkopri wkoll ir-rekwiżiti imposti fuq il-benefiċjarji mill-Istati Membri sabiex jimplimentaw dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament

Ewropew u li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarju fil-qasam tal-politika tal-ilma u għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, b'mod partikolari r-rekwiżiti dwar il-konformità mal-prinċipji ġenerali tal-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara kif msemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 t' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jikseb użu sostenibbli tal-pestiċidi.

Qasam Konsultattiv A

Qasam Konsultattiv A - Kundizzjonalità:

(a) Konsulenza dwar l-obbligi fil-livell tal-azjenda agrikola li jirriżultaw minn rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (RSĠ) u l-istandards għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-art (KAAT).

Nota (1): Il-Qasam Konsultattiv A Kundizzjonalità għandu jkun ikkategorizzat fis-sotto-oqsma relevanti hekk kif hemm preżentat fl-Anness II tar-Regolament.

Nota importanti: Għal kull sotto-qasam l-applikazzjoni għal servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli trid tindika fejn neċessarju li nkisbet l-approvazzjoni ta' konsulenti tekniċi mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti taħt ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (RSĠ) u l-istandards għall-kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba (KAAT).

Qasam Konsultattiv B - Miżuri Agro-ambjent-klima (AECMs):

(a) Konsulenza dwar prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent kif stabbilit mill-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 dwar 'Pagament għal prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent'.

Qasam Konsultattiv Ċ: Programmi għall-Iżvilupp Rurali:

(a) Il-Qasam Konsultattiv Ċ huwa rilevanti għall-miżuri fil-livell tal-azjendi agrikoli stipulati fil-programmi tal-iżvilupp rurali li jimmiraw lejn il-modernizzar tal-irziezet, l-iżvilupp tal-kompetittività, l-integrazzjoni settorali, l-innovazzjoni, l-orjentazzjoni tas-suq u l-promozzjoni tal-intraprenditorija.

B 666

Qasam Konsultattiv D – Miżuri Konsultattivi dwar id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarju fil-qasam tal-politika tal-ilma:

Fornituri ta' servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli għandhom jirreferu fil-livell tal-azjenda agrikola l-miżuri bażiċi għar-rekwiżiti minimi li għandhom jiġu segwiti fil-livell tal-UE u dik nazzjonali u dawn jikkonsistu minn:

(a) miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja għall-protezzjoni tal-ilma, inklużi miżuri meħtieġa taħt il-leġiżlazzjoni speċifikata fl-Artikolu 10 tad-Direttiva u fil-parti A tal-Anness VI tad-Direttiva;

(b) miżuri meqjusa xierqa għall-iskopijiet tal-Artikolu 9 tad-Direttiva;

(ċ) miżuri biex jippromwovu użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma sabiex ma tkunx kompromessa il-kisba tal-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva;

(d) miżuri li jilħqu l-ħtiġiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva, inklużi l-miżuri biex ikun hemm salvagwardja tal-kwalità tal-ilma sabiex jitnaqqas il-livell ta' trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma tax-xorb;

(e) kontrolli fuq l-estrazzjoni ta' ilma ħelu tal-wiċċ u tal-qiegħ, u sekwestru ta' ilma ħelu tal-wiċċ, inkluż reġistru jew reġistri tal-estrazzjoni tal-ilma u ħtieġa ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal estrazzjoni u t-teħid. Dawn il-kontrolli għandhom jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġoranti. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw minn dawn il-kontrolli, estrazzjonijiet jew teħid li m'għandhomx impatt sinifikanti fuq stat tal-ilma;

(f) kontrolli, inkluża ħtieġa għal awtorizzazzjoni minn qabel ta' *recharge* artifiċjali jew tkabbir ta' korpi tal-ilma tal-wiċċ. L-ilma użat jista' jinġieb mill-ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ, sakemm l-użu tas-sors ma' jokkompromettix il-kisba tal-għanijiet ambjentali stabbiliti għas-sors jew il-korp tal-ilma *recharged* jew miżjud. Dawn il-kontrolli għandhom jiġu riveduti perjodikament u fejn meħtieġ, aġġornati;

(g) għal ħruġ ta' punt ta' sors li possibilment jikkawżaw tniġġiż, ħtieġa għal regolazzjoni minn qabel, bħal projbizzjoni fuq dħul ta' kontaminanti fl-ilma, jew għal awtorizzazzjoni minn qabel, jew reġistrazzjoni bbażat fuq regoli ġenerali li jorbtu, jistabbilixxu kontrolli ta' emissjoni għal kontaminanti konċernati,

inklużi kontrolli skont l-Artikoli 10 u 16 tad-Direttiva. Dawn il-kontrolli għandhom jiġu riveduti perjodikament u fejn meħtieġ għandhom jiġu aġġornati;

(h) għal sorsi ta' tixrid li jistgħu jikkawżaw tniġġiż, miżuri biex jipprevjenu jew jikkontrollaw id-dħul ta' kontaminanti. Kontrolli jistgħu jieħdu forma ta' rekwisit għal regolazzjoni minn qabel, bħala projbizzjoni fuq id-dħul ta' kontaminanti fl-ilma, reġistrazzjoni jew awtorizzazzjoni minn qabel ibbażata fuq regolamenti ġenerali li jorbtu fejn din il-ħtieġa mhix stabbilita b'mod ieħor taħt il-leġislazzjoni Komunitarja. Dawn il-kontrolli għandhom jiġu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġoranti;

(i) għal kull impatt kuntrarju sinifikanti ieħor fuq l-istat ta' ilma identifikat taħt l-Artikolu 5 u l-Anness II, b'mod partikolari miżuri biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi tal-korpi tal-ilma ikunu konsistenti mal-kisba ta' stat ekoloġiku meħtieġ jew potenzjal ekoloġiku tajjeb għal korpi ta' ilma desinjat bħala artifiċjali jew modifikat ħafna. Kontrolli għal dan l-iskop jistgħu jieħdu forma ta' ħtieġa għal awtorizzazzjoni minn qabel jew reġistrazzjoni bbażata fuq regolamenti ġenerali li jorbtu fejn din il-ħtieġa mhix stabbilita b'mod ieħor taħt il-leġislazzjoni Komunitarja. Dawn il-kontrolli għandhom jiġu riveduti perjodikament u fejn meħtieġ, aġġoranti;

(j) projbizzjoni ta' ħruġ diretti ta' kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li jmiss:

L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw injezzjoni mill-ġdid fl-istess akwifikatur tal-ilma użat għal skopijiet ġeotermali. Huma jistgħu wkoll jawtorizzaw, filwaqt li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għal:

- injezzjoni ta' ilma li jkun fih sustanzi li jirriżultaw mill-ħidmiet għal esplorazzjoni u estrazzjoni ta' attivitajiet tax-xogħol tal-minjieri jew idrokarboni u injezzjoni ta' ilma għal raġunijiet tekniċi, f'formazzjonijiet ġeoloġiċi minn fejn l-idrokarboni jew sustanzi oħra ġew estratti jew ġewwa formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali huma inadatti permanentament għal skopijiet oħra. Dawn l-injezzjonijiet ma' jridx ikun fihom sustanzi oħra minn dawk li jirriżultaw mill-ħidmiet imsemmija hawn fuq,

- injezzjoni mill-ġdid ta' ilma ta' taħt l-art ippumpjat minn mini u barrieri jew assoċjat mal-kostruzzjoni jew manutenzjoni ta' xogħol ta' inġinerija ċivili,

- injezzjoni ta' gass naturali jew gass ta' żejt naturali likwidat (LPG) għal skopijiet ta' ħażna f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali m'humiex adattati permanetament għal skopijiet oħra,

- injezzjoni ta' gass naturali jew gass ta' żejt naturali likwidat (LPG) għal skopijiet ta' ħażna f'formazzjonijiet ġeoloġiċi oħra fejn ikun hemm bżonn suprem għal sigurtà ta' forniment tal-gass u fejn l-injezzjoni hija tali li tipprevjeni kull periklu preżenti jew futur ta' deterjorazzjoni fil-kwalità ta' kull ilma ta' taħt l-art riċevut,

- xogħol ta' kostruzzjoni, inġinerija ċivili u bini u attivitajiet simili fuq, jew fl-art li tkun tmiss mal-ilma ta' taħt l-art. Għal dawn l-iskopijiet, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li dawn l-attivitajiet iridu jiġu trattati bħala li ġew awtorizzati iżda li huma kondotti skont regolamenti ġenerali li jorbtu żviluppati mill-Istat Membru fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet,

- ħruġ ta' kwantitajiet żgħar ta' sustanzi għal skopijiet xjentifiki għal karatterizzazzjoni, protezzjoni jew rimedjazzjoni ta' korpi tal-ilma limitati għall-ammont strettament meħtieġ għall-iskopijiet konċernati:

Iżda dan il-ħruġ ma' jikkompromettix il-kisba tal-għanijiet ambjentali imwaqqfa għal dak il-korp tal-ilma ta' taħt l-art;

(k) bi qbil mal-azzjoni meħuda skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva, miżuri biex jiġi eliminat it-tniġġiż tal-ilma tal-wiċċ minn dawk is-sustanzi speċifikati fil-lista ta' sustanzi prijoritari miftehma skont l-Artikolu 16(2) tad-Direttiva u biex progressivament jitnaqqas tniġġiż minn sustanzi oħra li inkella jista' jipprevjeni lill-Istati Membri milli jiksbu l-għanijiet tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ kif stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva;

(l) kull miżura meħtieġa biex tipprevjeni telf sinifikanti ta' kontaminanti minn stallazzjonijiet tekniċi u biex tipprevjeni u jew biex tnaqqas l-impatt ta' inċidenti ta' tniġġiż aċċidentali per eżempju bħala riżultat ta' dulluvji, inklużi minn sistemi li jgħarfu jew jagħtu twissija ta' dawn l-attivitajiet inklużi, fil-każ ta' aċċidenti li ma' setgħux raġonevolment jiġu mbassra, il-miżuri kollha xierqa biex jitnaqqas ir-riskju għal ekosistemi akkwatiċi.

Qasam Konsultattiv E – Użu ta' Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti:

Taħt dan il-qasam, is-servizz konsultattiv għandu jikkonċerna r-rekwiżiti fil-livell tal-azjenda agrikoli fil-livell tal-benefiċjarji kif stipulated mill-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, b'mod partikolari r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/128/KE.

Dawn id-dispożizzjonijiet jinkorporaw il-bżonn li prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti għandhom jkunu użati kif suppost, fejn tali użu kif suppost għandu jinkludi l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' prattiki ta' protezzjoni tal-pjanti tajbin u konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 31 tar- Regolament (KE) Nru.1107/2009 u speċifikati fit-tikkettar. Dan għandu jkun konformi wkoll mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/128/KE u b'mod partikolari, mal-prinċipji ġenerali ta' ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara, kif msemmijin fl-Artikolu 14 u l-Anness III ta' dik id-Direttiva.

Qasam Konsultattiv F – Miżuri għall-użu ta' Ġestjoni Integrata ta' Organiżmi ta' Ħsara:

Skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/128/KE għandha ssir referenza għall-awtorità kompetenti rilevanti, sabiex servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli jkunu konformi mal-miżuri stabbiliti għall-promozzjoni ta' ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu mill-inqas tal-pestiċidi, bil-prijorità tingħata kull fejn possibbli għal metodi mhux kimiċi, sabiex utenti professjonali ta' pestiċidi jeqilbu għal prattiċi u prodotti li għandhom riskju l-aktar baxx għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent minn dawk disponibbli għall-istess problema ta' organiżmi ta' ħsara. Il-ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara b'użu mill-inqas tal-pestiċidi tinkludi l-ġestjoni integrata ta' organiżmi ta' ħsara kif ukoll il-biedja organika skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi.

B 670

Skeda II
Tariffi

Skeda ta’ Tariffi għar-Reġistrazzjoni ta’ Servizzi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli

It-tariffi li ġejjin għandhom japplikaw għar-reġistrazzjoni ta’ entitajiet li jipprovdu servizzi konsultattivi għall-azjendi agrikoli:

	€
Tariffa Amministrattiva (Applikazzjoni)	50